



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2022/0196(COD)**

1.6.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115  
(COM(2022) 0305 - C9-0207/2022 – 2022/0196(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Rivasi

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

*Emenda*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) **u l-Artikolu 208** tiegħu,

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tal-24 ta' Settembru 2019 dwar l-Oċeani u l-Krijosfera fi Klima li qed tinbidel (SROCC),**

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi<sup>41</sup> osservat li l-Unjoni trid taġixxi mingħajr dewmien għat-tranżizzjoni lejn użu aktar sostenibbli tal-pestiċidi u talbet lill-Kummissjoni biex tipproponi mira vinkolanti ambizzjuża għall-Unjoni kollha għat-tnaqqis tal-użu

*Emenda*

(3) Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi<sup>41</sup> osservat li l-Unjoni trid taġixxi mingħajr dewmien għat-tranżizzjoni lejn użu aktar sostenibbli tal-pestiċidi, **inkluż li jiġu indirizzati l-prodotti agrikoli importati li jkunu ġew trattati b'pestiċidi pprojbiti jew ristretti fl-**

tal-pestiċidi. Il-Parlament Ewropew afferma mill-ġdid it-talba tiegħu għal miri vinkolanti ta' tnaqqis fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent<sup>42</sup>.

---

<sup>41</sup> P8\_TA(2019)0082, it-12 ta' Frar 2019.

<sup>42</sup> P9\_TA(2021)0425, l-20 ta' Ottubru 2021.

**Unjoni Ewropea**, u talbet lill-Kummissjoni biex tipproponi mira vinkolanti ambizzjuża għall-Unjoni kollha għat-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi. Il-Parlament Ewropew afferma mill-ġdid it-talba tiegħu għal miri vinkolanti ta' tnaqqis fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent<sup>42</sup>, **li tinvolvi l-promozzjoni ta' mudell agrikolu li ma jiddependix fuq il-pestiċidi kimiċi u li ma jipperikolax la s-saħħa tagħna u lanqas dik tal-ambjent tagħna.**

---

<sup>41</sup> P8\_TA(2019)0082, it-12 ta' Frar 2019.

<sup>42</sup> P9\_TA(2021)0425, l-20 ta' Ottubru 2021.

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Il-pajjiżi terzi li jirċievu l-pestiċidi spiss ikollhom regolamenti protettivi inqas stretti u kapaċità teknika limitata biex jittrattaw sustanzi perikolużi, li jirriżultaw f'esponiment tossiku li jaffettwa l-popolazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari l-komunitajiet lokali, u l-ambjent tagħhom, b'impatti severi fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ekosistemi, il-bijodiversità u l-ekonomija. Dawn iċ-ċirkostanzi huma speċjalment rilevanti f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju li ilhom jirċievu sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi minn pajjiżi b'introjtu għoli għal għexieren ta' snin.***

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 3a (ġdida)**

**(3a) Għexieren ta' snin ta' riċerka rriżultaw fil-projbizzjoni u r-restrizzjoni severa ta' xi pestiċidi perikolużi ħafna. Madankollu, bħalissa ma jeżistix ftehim internazzjonali legalment vinkolanti biex jiġu rregolati l-pestiċidi, li jfisser li l-għadd ta' sustanzi perikolużi pprojbiti globalment huwa estremament limitat. Pereżempju, il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes tirrestrinġi jew tipprojbixxi biss füt pestiċidi globalment. Ftehimiet internazzjonali oħra jirregolaw biss ċerti aspetti tal-kummerċ tal-pestiċidi. Pereżempju, il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Rotterdam) tirrikjedi li l-Istati jikkondividu informazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' ċerti pestiċidi perikolużi u l-Konvenzjoni ta' Basilea tirregola l-kummerċ internazzjonali tal-pestiċidi perikolużi biss wara li jsiru skart.**

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 3b (ġdida)

**(3b) Bosta Stati qed jieħdu azzjoni domestika dwar l-użu jew l-aċċess għas-suq li ċerti pestiċidi għandhom, minħabba r-riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. L-azzjonijiet regolatorji jinkludu l-projbizzjoni ta' dawn is-sustanzi, ir-rifjut tal-approvazzjoni tagħhom jew ir-restrizzjoni severa tal-użu tagħhom. Fi Franza, pereżempju, il-liġi tat-30 ta' Ottubru 2018 dwar is-setturi agrikoli u tal-ikel, tipprevedi fl-Artikolu 83a tagħha**

*projbizzjoni ġdida relatata mal-produzzjoni, il-ħżin u ċ-ċirkolazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi mhux approvati fl-Unjoni Ewropea.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 3c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3c) Madankollu, pestiċidi pprojbiti lokalment jew mhux approvati għadhom jiġu mmanifatturati għall-esportazzjoni u l-użu f'partijiet oħra tad-dinja. Din il-prattika ġiet ikkaratterizzata bħala "standard doppju", peress li l-pajjiżi b'introjtu għoli għadhom jippermettu l-produzzjoni tas-sustanzi mhux mixtieqa minnhom għall-esportazzjoni. Fl-2018 biss, aktar minn 81,000 tunnellata ta' pestiċidi li fihom 41 sustanza kimika perikoluża differenti pprojbiti għall-użu agrikolu fl-UE, ġew esportati minn korporazzjonijiet Ewropej.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Premessa 3e (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3e) Ir-Rapport tan-Nazzjonijiet Uniti tal-24 ta' Jannar 2017 tar-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt għall-ikel, miktub f'kollaborazzjoni mar-Rapporteur Speċjali dwar l-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem li għandhom l-immaniġġjar u r-rimi ambjentalment korretti ta' sustanzi u skart perikolużi, jisħaq fuq kif l-użu eċċessiv tal-pestiċidi huwa perikoluż ħafna għas-saħħa tal-*

*bniedem, għall-ambjent u li l-indikazzjoni li dawn huma vitali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel hija waħda qarrieqa. F'dan ir-rigward, huwa appella biex jiġu stabbiliti politiki biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi madwar id-dinja u jiġi żviluppat qafas regolatorju, ibbażat fuq approċċ tad-drittijiet tal-bniedem, għall-projbizzjoni u l-eliminazzjoni gradwali ta' pestiċidi perikolużi ħafna, flimkien ma' tranżizzjoni lejn l-agroekoloġija, biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Fl-istrateġija tagħha dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, l-UE impenjat ruħha li tipprojbixxi l-esportazzjonijiet ta' sustanzi pprojbiti domestikament.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mal-prinċipju ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, kif minqux fl-Artikolu 208 tat-TFUE, li jiddikjara li “L-Unjoni għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolgot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw”. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pestiċidi pprojbiti mis-suq Ewropew ma jiġux esportati lejn pajjiżi terzi, b'mod partikolari lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw, minħabba l-impatt dannuż tagħhom fuq l-*

*ambjent u fuq is-saħħa pubblika. Fl-  
assenza ta' projbizzjoni fl-UE kollha, il-  
kumpaniji multinazzjonali tal-pestiċidi  
jistgħu jevitaw projbizzjonijiet nazzjonali  
billi jkomplu l-kummerċ tal-esportazzjoni  
tagħhom permezz ta' kumpaniji  
sussidjarji li jinsabu fi Stati Membri oħra.  
Din il-projbizzjoni trid tiġi akkumpanjata  
minn sħubijiet u mekkaniżmi ta'  
kooperazzjoni li jinkludu miżuri ta'  
appoġġ li jgħinu lill-pajjiżi li qed  
jiżviluppaw fit-tranżizzjoni meħtieġa lejn  
l-agroekoloġija u l-prattiki sostenibbli,  
b'mod partikolari billi jsir investiment fir-  
riċerka biex jinstabu soluzzjonijiet  
alternattivi għall-pestiċidi perikolużi u  
biex jitnaqqsu l-użu u r-riskju tal-  
pestiċidi. Bidla bħal din tilħaq l-għan li  
jitnaqqsu r-riskji maħluqa mill-użu tal-  
pestiċidi u tgħin fil-ġlieda kontra d-  
degradazzjoni tal-ħamrija, in-nixfa u d-  
deżertifikazzjoni.*

**Emenda 11**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4b) Il-pestiċidi jintużaw ħafna fil-  
pajjiżi li qed jiżviluppaw, u d-domanda  
għalihom qed tiżdied minħabba l-bidla fil-  
politiki agrikoli, minn produzzjoni  
tradizzjonali tal-ikel għal konsum lokali  
lejn produzzjoni orjentata lejn l-  
esportazzjoni. L-UE għandha rwol ewlieni  
fl-appoġġ ta' pajjiżi b'introjtu baxx u  
medju fit-tranżizzjoni minn agrikoltura  
intensiva għal Prattiki agroekoloġiċi aktar  
sostenibbli, permezz tal-għoti ta'  
assistenza teknika u finanzjarja,  
programmi msaħħa ta' riċerka u bini tal-  
kapaċità, b'mod partikolari fil-qafas tal-  
Konvenzjoni ta' Rotterdam, bil-ħsieb li  
jitnaqqsu l-użu u r-riskju tal-pestiċidi u  
jinstabu alternattivi għall-pestiċidi  
perikolużi, kif ukoll biex tiġi appoġġjata l-  
kollaborazzjoni fost il-pajjiżi li qed*



*jiżviluppaw biex tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 4d (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4d) Skont l-Opinjoni Ġuridika taċ-Ċentru għal-Liġi Ambjentali Internazzjonali (CIEL), in-nuqqas mill-Istati Ewropej li jipprojbixxu l-esportazzjoni ta' pestiċidi pprojbiti jew mhux approvati jfixkel id-dritt għas-saħħa fl-Istati importaturi, u, għaldaqstant, jikkostitwixxi ksur mill-Istati Ewropej tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. B'hekk, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom obbligu legali li jipprojbixxu kompletament u immedjatament l-esportazzjonijiet kollha ta' dawn is-sustanzi u l-pestiċidi kimiċi attivi li huma perikolużi u jtemmu dan il-kummerċ illegali u perikoluż, skont l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-**Ġejjieni** tal-Ewropa, ippubblikat fid-9 ta' Mejju 2022, fir-rigward tal-proposti dwar l-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità u l-ekosistemi, it-tniġġis, iċ-ċittadini jitolbu lill-Unjoni b'mod partikolari biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti kimiċi, f'konformità mal-miri eżistenti, filwaqt li xorta waħda tiġi żgurata

(9) Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-**Futur** tal-Ewropa, ippubblikat fid-9 ta' Mejju 2022, fir-rigward tal-proposti dwar l-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità u l-ekosistemi, it-tniġġis, iċ-ċittadini jitolbu lill-Unjoni b'mod partikolari biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti kimiċi, f'konformità mal-miri eżistenti, filwaqt li xorta waħda tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, u

s-sigurtà tal-ikel, u l-appoġġ għar-riċerka biex jiġu żviluppati alternattivi aktar sostenibbli u bbażati fuq in-natura. Iċ-ċittadini jitolbu għal aktar riċerka u innovazzjonijiet, inkluż f'soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-produzzjoni sostenibbli, ir-reżistenza tal-pjanti, u l-biedja ta' preċiżjoni, u aktar komunikazzjoni, sistemi konsultattivi, u taħriġ għall-bdiewa u mingħandhom kif ukoll talbu lill-Unjoni biex tiproteġi l-insetti, b'mod partikolari l-insetti indiġeni u dakkara<sup>55</sup>.

---

<sup>55</sup> Konferenza dwar il-*Ġejjieni* tal-Ewropa – Rapport dwar l-Eżitu Finali, Mejju 2022, Il-Proposti 1 u 2, p. 43-44.

#### **Emenda 14** **Proposta għal regolament** **Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

l-appoġġ għar-riċerka biex jiġu żviluppati alternattivi aktar sostenibbli u bbażati fuq in-natura. Iċ-ċittadini jitolbu għal aktar riċerka u innovazzjonijiet, inkluż f'soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-produzzjoni sostenibbli, ir-reżistenza tal-pjanti, u l-biedja ta' preċiżjoni, u aktar komunikazzjoni, sistemi konsultattivi, u taħriġ għall-bdiewa u mingħandhom kif ukoll talbu lill-Unjoni biex tiproteġi l-insetti, b'mod partikolari l-insetti indiġeni u dakkara. *Iċ-ċittadini qed jappellaw ukoll biex is-sorsi tal-ilma jiġu protetti u biex tittieħed azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-tniġġis tax-xmajjar u l-oċeani*<sup>55</sup>.

---

<sup>55</sup> Konferenza dwar il-*Futur* tal-Ewropa – Rapport dwar l-Eżitu Finali, Mejju 2022, Il-Proposti 1 u 2, p. 43-44.

*Emenda*

*(11a) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fl-Afrika, ikopru sħubijiet dwar it-tranżizzjoni ekoloġika. Kif ġie nnotat fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-protezzjoni tal-bijodiversità hija parti indispensabbli mill-ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali, il-frammentazzjoni tal-habitats u t-telf ta' ambjenti naturali u, bħala konsegwenza, tal-prevenzjoni ta' perikli ambjentali, filwaqt li tikkontribwixxi, fost oħrajn, għall-ġlieda kontra t-theddid għas-saħħa, bħaż-żoonożi. L-approċċ "Saħħa Waħda", li jsahha l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, jinkludi r-rabta bejn il-bijodiversità u s-saħħa. Barra minn hekk, il-pestiċidi, li ta' spiss jinstabu f'konċentrazzjonijiet li jaqbu l-istandards legali jew ambjentali, huma*

sors ta' tniġġis diffuż li jikkontaminaw l- ilma u jagħmlu ħsara lill-organiżmi akkwatiċi, lill-ekosistemi tal-baħar u dawk kostali. Peress li t-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u l-eżawriment tar-riżorsi tal-ilma, b'mod aktar ġenerali, huma ta' tħassib kbir għas-sħab internazzjonali tagħna, l-UE jenħtieġ li tagħti attenzjoni speċjali lill-konsegwenzi tal-pestiċidi fuq l-ambjent akkwatiku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif previst fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 6 "Garanzija tal-aċċess għall-ilma u s-sanità għal kulħadd u l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma".

Filwaqt li l-pestiċidi kimiċi jista' jkollhom impatt serju fuq il-bijodiversità, il-habitats, l-ekosistemi u l-katina tal-ikel u għaldaqstant fuq is-saħħa pubblika, l-aġenti ta' kontroll bijoloġiku huma wkoll alternattiva effettiva mingħajr effetti distruttivi. Għaldaqstant huwa xieraq li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġjati fl-innovazzjonijiet tal-ġestjoni integrata tal-pesti u fid-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni integrata tal-pesti, b'enfasi partikolari fuq il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġjaw programmi ta' riċerka mmirati lejn innovazzjonijiet ta' ġestjoni integrata tal-pesti u jipprovdu appoġġ tekniku u finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' kontroll integrat tal-pesti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 49a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(49 a) Jirrikonoxxi l-fatt li regoli ġodda li jnaqqsu r-riskju u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-UE bl-għan li*

*jkun hemm sistema tal-ikel aktar sana u aktar b'saħħitha mil-lat ambjentali skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa għan importanti; Jindika li din it-tendenza tista' potenzjalment tkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw peress li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti normalment ikunu jiswew u ta' spiss diffiċli biex jinstabu filwaqt li f'xi każijiet ikunu perikolużi għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-ambjent;*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti billi jipprevedi l-istabbiliment, u l-ksib, sal-2030, ta' miri ta' tnaqqis għall-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għar-riskju minnhom, l-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-użu, il-ħżin, il-bejgħ u r-rimi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għat-tagħmir ta' applikazzjoni, jipprevedi t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni, u jipprevedi l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti.

*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***bl-għan li jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u jiġi promoss l-użu ta' ġestjoni integrata tal-pesti u ta' approċċi jew tekniki alternattivi bħal alternattivi mhux kimiċi għall-pestiċidi*** billi jipprevedi l-istabbiliment, u l-ksib, sal-2030, ta' miri ta' tnaqqis għall-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għar-riskju minnhom, l-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-użu, il-ħżin, il-bejgħ u r-rimi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għat-tagħmir ta' applikazzjoni, jipprevedi t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni, u jipprevedi l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-implimentazzjoni ta' ġestjoni***

*integrata tal-pesti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja u t-tisħiħ tar-riċerka fl-oqsma tal-agroekoloġija, il-biedja organika u l-ġestjoni integrata tal-pesti bħala alternattiva għall-pestiċidi perikolużi, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu protetti l-bijodiversità u s-saħħa tal-bniedem, u l-implimentazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda".*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa **għall-evitar** tad-deterjorament tal-istat tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll tal-ilmijiet kostali u tal-baħar, u għandhom jippermettu l-ilħuq ta' stat tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, biex jiġu protetti l-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb mill-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jintlaħqu, tal-inqas, l-oġettivi stabbiliti fid-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE, 2008/105/KE, 2008/56/KE u (UE) 2020/2184.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Kapitolu VIa (ġdid)

*Emenda*

3. Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa li **jillimitaw il-ħsara estensiva kkawżata minn pestiċidi dilwiti fl-ekosistemi akkwatiki, iwaqqfu l-aċċelerazzjoni** tad-deterjorament tal-istat tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll tal-ilmijiet kostali u tal-baħar, u għandhom jippermettu l-ilħuq ta' stat tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, biex jiġu protetti l-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb mill-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jintlaħqu, tal-inqas, l-oġettivi stabbiliti fid-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE, 2008/105/KE, 2008/56/KE u (UE) 2020/2184.

***Il-kummerċ u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.***

***Artikolu 1 - Importazzjoni ta' prodotti agrikoli u agroalimentari minn pajjiżi terzi***

***1. L-importazzjoni ta' prodotti agrikoli u agroalimentari minn pajjiżi terzi hija pprojbta jekk dawn ikunu ġew ittrattati jew prodotti b'sustanzi li ma jissodisfawx il-kriterji għall-approvazzjoni stabbiliti fil-punti 3.6.2 sa 3.6.5, 3.7 u 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.***

***2. Huwa pprojbit li jiġu prodotti, mażżuna u esportati mill-Unjoni Ewropea sustanzi attivi pprojbiti u prodotti pprojbiti għall-protezzjoni tal-pjanti li mhumiex approvati bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fitofarmaċewtiċi jew li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u traċċabbiltà imposti minn dan l-istess regolament.***

***Artikolu 2 - Kooperazzjoni internazzjonali dwar informazzjoni dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti***

***1. Il-Kummissjoni għandha tibda djalogu ma' pajjiżi terzi biex tistabbilixxi sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex issaħħaħ il-ġbir u t-trasparenza tad-data dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'pajjiżi terzi u biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn dawn il-pajjiżi minn naħa u l-Kummissjoni u l-Istati Membri min-naħa l-oħra.***

***2. Dawn is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u miżuri ta' appoġġ, u proċeduri amministrattivi.***

*Dawn għandhom jimmiraw li jippromwovu t-tnaqqis fl-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'pajjiżi terzi u t-tranżizzjoni lejn alternattivi mhux kimiċi għall-pestiċidi u prattiki ta' ġestjoni integrata tal-pesti.*

*3. Il-Kummissjoni għandha thegħeġ lill-pajjiżi terzi biex jistabilixxu bażijiet tad-data pubbliċi li jkun fihom informazzjoni preċiża dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.*

*4. Il-Kummissjoni għandha thegħeġ lil pajjiżi terzi biex jesigū li l-produtturi, il-fornituri, id-distributuri, l-importaturi u l-esportaturi jżommu reġistri tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jipproduċu, jimportaw, jesportaw, jaħżnu jew iqiegħdu fis-suq għal mill-inqas ħames snin. Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi għandhom jiġu mħeġġa jitolbu lill-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jżommu għal mill-inqas tliet snin rekord ta' kull użu ta' dan it-tip ta' prodott, liema rekord ikun fih l-isem tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla ttrattata. L-informazzjoni li tinsab f'dawn ir-reġistri għandha tkun disponibbli biex tiġi kkomunikata meta ssir talba kemm mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi kif ukoll minn partijiet terzi interessati, bħall-industrija tal-ilma tax-xorb, il-bejjiegħa bl-imnut jew ir-residenti.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jaċċessaw informazzjoni aġġornata dwar ir-riskji assoċjati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti permezz tas-sit web jew is-siti web*

*imsemmija fil-paragrafu 2.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 39a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 39a***

***Il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-istabbiliment ta' proċess effiċjenti ta' rievalwazzjoni tar-reġistrazzjonijiet tal-pestiċidi skont prattiki regolatorji tajbin kontemporanji, f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO/WHO.***



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u emenda tar-Regolament (UE) 2021/2115
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0305 – C9-0207/2022 – 2022/0196(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 4.7.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 19.1.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Michèle Rivasi 17.1.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	21.3.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.5.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 13 –: 1 0: 9
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Barry Andrews, Hildegard Bentele, Stéphane Bijoux, Dominique Bilde, Mercedes Bresso, Udo Bullmann, Antoni Comín i Oliveres, Elisabetta De Blasis, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Tomas Tobé, Bernhard Zimniok
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rosa Estaràs Ferragut, María Soraya Rodríguez Ramos
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marisa Matias

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>13</b>	<b>+</b>
NI	Antoni Comin i Oliveres
Renew	Barry Andrews, Stéphane Bijoux, Charles Goerens, María Soraya Rodríguez Ramos
S&D	Mercedes Bresso, Udo Bullmann, Mónica Silvana González, Karsten Lucke
Verts/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Michèle Rivasi

<b>1</b>	<b>-</b>
ID	Bernhard Zimniok

<b>9</b>	<b>0</b>
ID	Dominique Bilde, Elisabetta De Blasis
PPE	Hildegard Bentele, Rosa Estarás Ferragut, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni